# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1176/89 JF**

**Carmelo Camilleri u martu Pauline Camilleri, Patrick Camilleri u l-istess Carmelo Camilleri bhala legittimu rapprezentant ta' bintu minuri Catherine Camilleri.**

**vs**

**John Preca u Anthony J. Mangion ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dredging Works Company Limited. U b'verbal tal-4 ta' Novembru 1999**

**giet kjamata fil-kawza l-Mediterranean Insurance Brokers Limited bhala agenti tas-socjeta' assiguratrici estera Assicurazioni Generali SpA, u Mediterranean Insurance Brokers Limited; u b'nota ulterjuri tat-2 ta' Ottubru 2000, l-atti gew assunti mill-Middle Sea Insurance plc.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi proprio et nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li Mark Anthony Camilleri kien impjegat tal-kumpanija konvenuta u dan miet fl-1 ta' Ottubru 1988 f'Mdina Raod, Qormi f'incident tat-traffiku meta kien qieghed isuq motor-cycle Suzuki numru 7707 hu u gej lura mix-xoghol;

U premess li Mark Anthony Camilleri bhal l-impjegati l-ohrajn kollha tad-ditta konvenuta kien assikurat u kopert b'Group Personal Accident

Insurance Policy numru 87/00074/F320 li tipprovdi, fost ohrajn, beneficcju finanzjarju favur l-eredi f'kaz li xi mpjegat imut f'incident;

U premess li l-kumpanija konvenuta qed ingustament tirrifjuta li thallas kwalsiasi beneficcju / kumpens finanzjarju u peress li qed tirritjeni li "motor cycling" huwa eskluz u ghalhekk mhux kopert bil-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija;

U premess li l-atturi huma l-werrieta tad-decujus Mark Anthony Camilleri;

U premess li d-decujus qatt ma gie nformat li mhux kopert bl-assikurazzjoni msemmija f'kaz li juza mutur ghat-trasport tieghu u dan meta l-kumpanija konvenuta ma tipprovdix trasport ghal impjegati taghha;

U premess li fi kwalunkwe kaz l-eskluzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni fuq imsemmija ma tirreferix ghal trasport bil-mutur minn u lejn il-post tax-xoghol izda tirreferixxi ghal partecipazzjoni sportiva ta' motor-cycling fejn ir-riskju hu ovvjament ferm akbar.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident stradali u fatali li sofra Mark Anthony Camilleri fl-1 ta' Ottubru 1988 kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni (Group Personal Accident Insurance Policy) Numru 87/00074/F320 fuq indikata.

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur taht l-istess polza ta' assikurazzjoni u dawna bhala werrieta tal-imsemmi Mark Anthony Camilleri;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu l-ammont li jigi hekk likwidat lill-atturi u dan bl-imghax dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota eccezzjonijiet tal-istess konvenuti John Preca u Anthony J. Mangion ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dredging Works Company Limited fejn eccepew hekk:-

Illi l-konvenuti kienu koprew lill-Anthony Camilleri polza ta' assikurazzjoni previst fil-kuntratt tax-xoghol tieghu;

Illi d-ditta konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli ghall-incident li sofra Anthony Camilleri u ghad-danni naxxenti minn dak u ghalhekk bl-ebda mod ma tista' tigi kundannata taffettwa ebda hlas;

Illi in kwantu c-citazzjoni hija intiza biex tottjeni dikjarazzjoni li Anthony Camilleri kien kopert ghal dak li jirrigwarda l-incident stradali in kwistjoni bil-polza ta' assikurazzjoni din it-talba ghandha tigi diretta kontra d-ditta assigurattrici in kwistjoni u d-ditta konvenuta bl-ebda mod ma tista' tirrispondi ghat-tali talba.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Middle Sea Insurance p.l.c. bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' assikuratrici estera Assicurazione Generali SpA fejn eccepiet:-

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjent mhix il-legittima kontradittur tal-attur billi ma ghandha ebda relazzjoni guridika maghhom u dan peress illi l-kontraenti tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li fuqu l-atturi qed jibbazaw it-talbiet taghom kienu s-socjeta' estera Assicurazioni Generali S.p.A. u s-socjeta' konvenuta mhux l-impjegati tas-socjeta' konvenuta fosthom Mark Anthony Camilleri. Ghalhekk l-eccipjenti ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi <u>bla pregudizzju ghall-premess ukoll in linea preliminari</u>, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta a tenur tal-Art. 2165 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi <u>bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu</u>, l-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident stradali de quo ma kienx kopert mill-polizza ta' assikurazzjoni in kwistjoni.

4. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun michuda stante li ma hemmx lok ghal-likwidazzjoni ta' ebda indennizz favur l-atturi skond l-istess polizza.

5. Illi jsegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' xi ammont favur l-atturi.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif dakinhar diversament presjeduta, moghtija fit-12 ta' Ottubru

1995 fejn giet michuda t-talba attrici u dik revokatorja moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Trattata l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' kkjamata fil-kawza;

Ikkunsidrat li fit-2 ta' Novembru 1989 l-atturi pprezentaw citazzjoni kontra s-socjeta' Dredging Works Company Limited, liema talba kienet giet michuda minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u kif uq inghad, liema decizjoni in segwitu u wara appell intavolat mis-socjeta' konvenuta mhux biss giet revokata imma giet ukoll ordnata l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' assiguratrici Assicurazioni Generali S.p.A. kif rapprezentata lokalment mis-socjeta' Mediterranean Insurance Brokers Ltd., kif ukoll lill-Mediterranean Insurance Brokers Limited, u kif wara gew assunti l-atti relativi mill-Mediterranean Insurance Brokers plc nomine u proprio u ulterjorment ukoll bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' assiguratrici estera Assicurazioni Generali SpA.

Illi kwantu segue hija decizjoni rigwardanti zewg eccezzjonijiet preliminari li gew sollevati mis-socjeta' kkjamata fil-kawza, jigifieri:

1. In linea preliminari, li hija mhix il-legittima kontradittur tal-atturi billi ma ghandha ebda relazzjoni guridika maghhom u dana peress illi l-kontraenti tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li fuqu l-atturi qed jibbazaw it-talbiet taghhom kienu socjeta' estera Assicurazioni Generali S.p.A. u socjeta' konvenuta fosthom Mark Anthony Camilleri. Ghalhekk l-eccipjenti ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Li, bla pregudizzju ghall-premess ukoll in linea preliminari, l-azzjoni attrici fil-konfront tal-eccipjenti hija preskritta a tenur ta' l-artiklu 2156 (8) tal-Kodici Civili (Kap. 16), jigifieri l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, tajjeb li jigi rilevat li l-kjamat fil-kawza tas-socjeta' eccipjenti kienet giet ordnata mill-Qorti ta' l-Appell u dana wara diversi konsiderazzjonijiet fosthom dawk segwenti , u cjoe' li,

> *"Minn ezami ta' l-atti din il-Qorti waslet ghall-konvinciment, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti illi l-azzjoni kellha tigi diretta kemm kontra s-socjeta' konvenuta kif ukoll kontra s-socjeta' assiguratrici li ma hijiex parti fil-kawza",*

u li,

> *"din il-Qorti ma tarax ghaliex din is-sitwazzjoni ma kellhiex tigi rizolta f'azzjoni li fiha jkun hemm il-partijiet kollha li indubbjament*

*kellhom interess guridiku fiha biex jigu determinanti d-drittijiet u l-obbligi reciproki."*

Dak li irriteniet u in segwitu ordnat il-Qorti ta' l-Appell kien jimplika zewg affarijiet, jigifieri :

1. Li l-azzjoni kontra s-socjeta' eccipjenti, ikkjamata fil-kawza, kienet possibbli u setghet issir tenut kont tat-talbiet attrici kif dedotti; u

2. Li tali azzjoni fic-cirkostanzi kienet ukoll mehtiega ghaliex kif formulata mill-atturi ma setghetx tregi in kwantu giet diretta biss kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi fin-nota taghha s-socjeta' Middle Sea Insurance plc gustament issottomettiet li l-apprezzament li sar mill-Qorti ta' l-Appell fl-istadju tal-kawza meta hi ma kenitx parti ma jistax jippregudika d-difiza taghha altrimenti l-kjamata taghha fil-kawza kienet tkun sempliciment formalita'. Dan hu legalment korrett pero' din il-Qorti xorta wahda tikkondividi r-ragjonamenti addizjonali maghmulin mill-Qorti ta' l-Appell li jiggustifikaw is-sejha fil-kawza tas-socjeta' assiguratrici <u>una volta</u> li l-attrici ghazlu li jifformulaw l-azzjoni taghhom – u partikolarment il-parti tat-talbiet u bil-mod kif dawn jinsabu dedotti. Bhal dik il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel talba attrici hi sostenibbli biss fil-konfront tas-socjeta'

konventa limitatament ghad-dikjarazzjoni ta' l-ezistenza tal-polza, pero' kwantu ghall-premessa jekk il-polza kienetx jew le tapplika fir-rigward tal-incident meritu tal-kawza u li ghal dan setghet biss tirrispondi s-socjeta' assikuratrici. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kkjamata fil-kawza qeghda tigi respinta – fil-limiti pero' suesposti.

Illi kwantu ghat-tieni eccezzjoni jirrizulta li c-citazzjoni saret, ossija giet ipprezentata fit-2 ta' Novembru 1989, filwaqt li s-socjeta' kkjamata fil-kawza giet effettivament notifikata ghall-ewwel darba bl-att tac-citazzjoni fit-18 ta' Settembru 2000 – kwazi hdax-il sena wara. L-atturi jissottomettu li "l-atturi ma setghu qatt jippromwovu l-azzjoni taghhom kontra din il-kumpanija assikuratrici jekk mhux b'ordni tal-istess Qorti."

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tali asserzjoni hija ghal kollox zbaljata. L-ewwel nett, u wara li l-Qorti ta' l-Appell kellha l-okkazjoni li tiddeskrivi l-formulazzjoni tal-att tac-citazzjoni bhala wiehed li "kien redatt b'mod ghal kwantu infelici u nieqes mill-kjarezza", mhux korrett li jinghad li l-kjamata fil-kawza giet reza possibbli biss bl-intervent tal-Qorti. Jekk din kienet mehtiega u possibbli, allura kien ukoll ifisser li setghet liberament issir mill-bidunett mill-atturi. L-intervent tal-Qorti ta' l-Appell giet dettat mill-mod kif gie redatt l-att tac-citazzjoni u kien kjarament intiz biex jigi "salvat" dak li seta' jkun salvabbli – pero' m'ghandhomx b'daqstant jiehdu vantagg ghalihom l-atturi 'l hinn minn

dak li gja' bbenefikaw minnu mill-indulgenza procedurali moghtija lilhom u minn kif hemm deciz mill-Qorti ta' l-Appell. Illi kif jinghad fl-Artiklu 2137 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Bl-istess mod hija zbaljata is-sottomissjoni l-ohra (ara replika datata 8 ta' Gunju 2001, a fol. 171 – 172 tal-process) fis-sens li l-Qorti "ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta' assikurattiva (sic) limitatament ai fini ta' integrita' ta' gudizzju." Il-Qorti ta' l-Appell invece, kienet ordnat tali kjamata ghaliex minghajrha certi partijiet mit-talbiet ma setghux jigu kkunsidrati di fronte s-socjeta' konvenuta. Veru li jidhol ukoll l-element ta' l-integrita' tal-gudizzju imma l-portata ta' l-inkluzjoni tas-socjeta' kkjamata fil-kawza kien imur oltre minn semplici "prezenza" jew "inkluzjoni" fl-atti tal-kawza u xejn aktar minn hekk.

Illi mill-bqija jirrizulta kjarament li hawn si trattava ta' preskrizzjoni ta' hames snin, kif gie eccepit, u li allura jfisser li l-azzjoni attrici in kwantu diretta wkoll kontra s-socjeta' kkjamata fil-kawza hija preskritta a tenur ta' l-artiklu 2156(8) tal-Kap. 16, kif fil-fatt gie eccepit.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kkjamata fil-kawza izda fl-istess waqt tilqa' t-tieni eccezzjoni taghha b'dan li tiddikjara l-istess talbiet in kwantu diretti kontra taghha bhala preskritti u ghalhekk tichad l-istess talbiet in kwantu diretti kontra taghha, bl-ispejjez relativi kontra l-atturi, u billi jista' jkun hemm x'jigi deliberat u deciz ulterjorment fil-konfront tas-socjeta' l-ohra konvenuta, tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fil-konfront biss tas-socjeta' Dredging Works Company Limited f'dawk il-limiti u parametri gja' decizi mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha surreferita moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 u ghalhekk qeghda tiddiferixxi l-kawza ghal dana l-iskop, salv kull ostakolu ta' natura legali.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md